2026/516

11.3.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/516

tal-10 ta' Marzu 2026

li jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1403 fir-rigward tal-konċentrazzjoni tat-tuġones fiż-żejt essenzjali tas-salvja Spanjola

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sustanza Żejt essenzjali tas-salvja Spanjola minn *Salvia officinalis* ssp. *Lavandulifolia* (Vahl) Gams ġiet awtorizzata bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1403 ([2]) għal 10 snin.

(2) Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1403, il-konċentrazzjoni tat-tuġones fiż-żejt essenzjali tas-salvja Spanjola hija mniżżla bi żball bil-valur ta' "0,001 %", filwaqt li skont l-opinjoni xjentifika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tas-17 ta' Settembru 2024 ([3]), ma kienx hemm detezzjoni tal-konċentrazzjoni tat-tuġones fiż-żejt essenzjali tas-salvja Spanjola bil-kromatografija b'faži gassuża/spettrometrija tal-massa (limitu ta' detezzjoni (LOD, Limit of detection) 0,001 %).

(3) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1403 jiġi kkoreġut kif xieraq.

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Korrezzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1403

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/1403, fl-entrata għall-addittiv tal-għalf 2b413-eo Żejt essenzjali tas-salvja Spanjola, fit-tielet kolonna "Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku", taħt l-intestatura "Speċifikazzjonijiet", l-inċiż "— Tuġones: 0,001 %" huwa sostitwit bi "— Tuġones: ≤ 0,001 %".

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2003/1831/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/1403 tas-16 ta' Lulju 2025 dwar l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali tas-salvja Spanjola minn *Salvia officinalis* ssp. *lavandulifolia* (Vahl) Gams u taż-żejt essenzjali tal-ispika minn *Lavandula angustifolia* Mill. bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali (ĠU L, 2025/1403, 17.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1403/oj).

([3]) *EFSA Journal* 2024:22(10), e9015, https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.9015.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN